# Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja
# 2021
# It-Tieni Sessjoni

**Il-Malti: Il-Kitba**
**Il-Marki: 30 marka**
**Il-Ħin: 60 minuta**

## A. Il-kitba ta' djalogu (10 marki)

Int mitlub/a tikteb djalogu ta' **bejn 50 u 60 kelma.**

**Agħżel** bejn **Djalogu 1** jew **Djalogu 2.**

### 1. Djalogu bejnek u r-riflessjoni tiegħek li tkellmek minn ġol-mera

Inti u ħiereġ/ħierġa mid-dar tajt l-aħħar daqqa t'għajn lejn il-mera. Int u tirranġa ruħek, ir-riflessjoni tiegħek fil-mera għemżitek u xejritlek.

Ikteb djalogu li kien hemm bejnietkom.

Dawn huma xi ideat:
- X'jisimha?
- Kemm togħġobha/ma togħġobhiex id-dar tiegħek?
- Dwar xiex kellmitek?
- Meta se terġgħu titkellmu?

**JEW**

### 2. Djalogu bejnek u ritratt tiegħek ta' tfulitek

Ġejt mill-iskola u mort tbiddel fil-kamra. F'daqqa waħda dak it-tifel/tifla li kien hemm fir-ritratt imdendel mal-ħajt beda jkellmek/bdiet tkellmek.

Ikteb djalogu li kien hemm bejnietkom.

Dawn huma xi ideat:
- Kemm għandu/ha żmien?
- X'okkażjoni kienet?
- X'emozzjonijiet ħassejt dakinhar?
- Tixtieq li terġa'/ma terġax tmur lura fiż-żmien?

**Fil-linji t'hawn taħt ikteb id-djalogu.**

## Djalogu ______ (Ikteb 1 *jew* 2)

## B. Il-kitba ta' ittra informali (20 marka)

Agħżel **waħda** minn dawn l-ittri u ikteb **bejn 140 u 200 kelma**.

Inti jismek Alex/Alexia u flimkien ma' sħabek qed tagħmlu riċerka għax se tippreżentaw programm fuq it-televiżjoni flimkien.

Ikteb ittra biex tistieden persuna li taf sabiex titkellem fil-programm tagħkom.

Agħżel bejn:



**1. Kuċċier ta' karozzin**

**JEW**

**2. Kaptan tal-vapur t'Għawdex**




Dawn il-punti jistgħu jgħinuk:

- Informazzjoni fuqek u fuq sħabek
- Raġuni għal din l-istedina
- Informazzjoni fuq il-programm
- Xi tagħrif li tixtiequ ssiru tafu fuq ix-xogħol tiegħu/tagħha

**Iffirma l-ittra bħala Alex/Alexia.**

**L-indirizz tiegħek huwa: 67, Triq il-Merill, Ħal Farfett, FRF 7624.**

## Il-pjan tal-kitba (2 marki)

Agħmel **il-pjan** tal-kitba fuq l-ittra li għażilt.

**Ittra ______ (Ikteb 1 *jew* 2)**

Uża l-pjan tiegħek biex tikteb l-ittra li għażilt.

Il-kitba għandha tkun **bejn 140 u 200 kelma**.

**Ittra ______ (Ikteb 1 *jew* 2)**

**Tmiem il-karta**